A.L. 107 ta' l-2007

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2007 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni ta' l-2007 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabiltajiet).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta, fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.


Jum appuntat.

3. Id-drittijiet u r-responsabiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni għandhom b'seħħ mis-7 ta' Marzu, 2007, jitwettqu mill-Kummissarju ta' l-Artijiet u mhux aktar minn *Malta Industrial Parks Limited*.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni hi biċċa art f'Rikasoli, limiti tal-Kalkara flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar u markata bħala sit Nru. 5 fuq il-pjanta P.D.5_92_2A.

Riferenza għal din l-art tinsab fl-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabiltajiet), pubblikata bl-Avviz Legali 67 ta' l-l993. Il-pjanta P.D. 5_92_2A hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 11 ta' Mejju 2006.


SITES AT RIKASOLI
l/o KALKARA
SITES 1 TO 4 ALREADY TRANSFERED BACK TO THE COMMISSIONER OF LAND (GOVERNMENT PROPERTY DIVISION) BY L.N. 222 of 2006 - DATE 15th SEPTEMBER 2006
SITE 5 TO BE TRANSFERED BACK TO THE COMMISSIONER OF LAND (GOVERNMENT PROPERTY DIVISION)
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY
GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT
LOCALITY: KALKARA, XGHAJRA
SCALE 1:1250
SITE 1
SITE 2
SITE 3
SITE 4
SITE 5
Tar-Ramel
San Rokku
Scale 1:1250